MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Numru. 236/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovich Muscat]**

**vs**

**George Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 393973M.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fil-31 ta’ Lulju, 2006 jew fil-jiem ta’ qabel,
a. irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;
b. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi

vantagg mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Subtitolu IV tat-Titolu III tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll illi l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-atti processwali kollha inkluz l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti, u l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat ukoll ix-xhieda u d-dokumentazzjoni pprezentati tul dan il-process.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat gie akkuzat b’zewg akkuzi li rrenda ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz kif ukoll li ta jew offra xi vantagg lil xi hadd jew li influwixxa b’mod mhux xieraq fuq kif iddecieda persuna u dan rigward l-ottentiment ta’ licenzja tas-sewqan tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta mix-xhieda tal-ispettur Antonovitch Muscat illi l-imputat kellu numru ta’ kategoriji ta’ licenzji tas-sewqan li ghalihom ma hemm l-ebda prova li dawn gew ottenuti legalment fir-‘records’ tat-Transport Malta.

Illi sa mill-istqarrija l-imputat qatt ma ammetta l-akkuzi fil-konfront tieghu izda huwa wiegeb illi a rigward il-licenzja tal-mutur u l-coaches, huwa qatt ma applika u qatt ma ried dawn il-licenzji izda a rigward il-licenzja tal-ispecial, dan wiegeb illi huwa kien tela’ ghat-test u ottjena din il-licenzja fis-sena 1997. Illi gara illi f’xi zmien circa 2006, l-imputat

tilef il-portafoll fejn kellu l-licenzja tas-sewqan tal-karrozzi zghar u tal-ispecial, u wara li mar jinforma lit-Transport Malta rigward dan fejn huwa ghamel dikjarazzjoni li tilef tali licenzja, meta rceva l-licenzja l-gdida, huwa jispjega illi fil-licenzja kellu xebgha kategoriji ohra fosthom tal-mutur fejn huwa qatt ma applika u qatt ma talab ghal dawn. Illi meta gie mistoqsi a rigward jekk jafx lil Francis Catania huwa kien qal illi kien jafu izda ma harget l-ebda konnessjoni bejn it-tnejn li jghinu l-prosekuzzjoni ghal dawn l-akkuzi.

Illi din l-istqarrija giet sussegwentement ikkonfermata bil-gurament meta xehed l-imputat fl-erba' (4) ta' Gunju 2012.

Illi Brian Farrugia, rapprezentant tat-Transport Malta spjega kif kienet is-sistema tal-informazzjoni a rigward il-licenzji. Xehed illi ghalkemm ma jirrizultax fis-sistema illi dawn il-kategoriji zejda tal-imputat ma kienux jinstabu meta saret ricerka manwali, huwa ma setax jirreferi ghal xi persuna li setghet dahlet din l-informazzjoni tal-kategoriji zejda fis-sistema.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi huwa ampjament car illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova xi tip ta' kolluzjoni ma' xi persuna jew persuni li seta' kellu l-imputat fl-ghoti ta' dawn il-kategoriji u wisq l-anqas li huwa rrenda ruhu komplici ma xi hadd ghall-otteniment ta' dawn il-kategoriji.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(1), u 121A(1) tal-Kap 9, mhux qeghda issib lill-imputat George Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------